MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**GRETA MIFSUD**

Seduta ta' l-10 ta' Novembru, 2009

Talba Numru. 580/2009

**Joseph Genevose**
**(I.D. 59376M)**

**vs**

**Joseph Armani**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu l-attur talab lil konvenut il-hlas tas-somma ta’ sitt mija u sebghin Euro u tmienja u ghoxrin centezmi (€670.28), rapprezentanti bilanc ta’ pagamenti li ghad fadal skond ‘Statement of Account’ annes mal-avviz tat-talba u mmarkat bhala Dok JG6. .

Illi l-attur, li jgestixxi ditta kummercjali bl-isem ‘Genaudio’, gie avvicinat mill-konvenut sabiex ifornilu merkanzija audiovisiva, sabiex l-istess konvenut imbaghad ibieghha bi qliegh lill-terzi.

Illi l-attur ikkunsenja l-merkanzija mitluba f'diversi dati separati lill-konvenut u talab il-hlas tal-istess merkanzija permezz ta' sensiela ta' invoices annessi ma' l-avviz tat-talba u mmarkati bhala Dok JG1 sa JG5.

Illi l-attur interpella l-konvenut diversi drabi sabiex ihallas id-debitu, izda dan baqa' inadempjenti.

Ghaldaqstant, l-attur jitlob il-kundanna tal-konvenut debitur ghal-hlas tal-imsemmi debitu, bilanc minn somma akbar, bl-ispejjes gudizzjarji u extra-gudizzjarji relattivi ghal din it-talba, kif ukoll bl-imghaxijiet legali mid-data tal-kunsenja sal-pagament effettiv, bl-ghola rata ai termini tal-Kap. 13 tal-Ligijiet ta' Malta, kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenut gie debitament notifikat bl-Avviz, ma kkontestax il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma deher ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mill-attur u l-fatt li l-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondih, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tal-attur tirrizulta soddisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lil konvenut ihallas is-somma ta' sitt mija u sebghin Euro u tmienja u ghoxrin centezmu (€670.28), bl-imghax kif mitluba. L-ispejjez huma a karigu tal-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------